# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-11 ta' Gunju 2002**

Citazzjoni numru 117/1996

Michael u Rita konjugi Cini

-vs-

Bernarda Zammit

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew:

Illi huma jippossjedu porzjon art agrikola maghrufa "Tal-Mejda", limiti Gharb, Ghawdex tal-kejl ta' cirka nofs tomna pari ghall-hames mija u sittin metri kwadri (560mk), liema porzjon art tikkonfina mil-lvant mat-Triq Ghammar, punent, tramuntana u nofsinhar ma' beni fil-pussess ta' Joseph Mintoff jew irjieh verjuri;

Illi huma ilhom jahdmu l-imsemmi raba' ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena all'incirca;

Illi ricentement u cioe' fil-25 ta' Marzu 1996 jew data verjuri, il-konvenuta dahlet fl-imsemmi raba' u hartet l-istess raba' u wara li giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 1996, biex tohrog mir-raba fil-pussess ta' l-atturi, hija regghet dahlet ftit granet wara u hartet ghal darb'ohra l-art in kwistjoni.

Illi l-konvenuta baqghet u ghadha inadempjenti sal-lum.

Illi bl-agir taghha l-konvenut ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi.

Talbu sabiex il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuta kkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront u ghad-dannu ta' l-atturi;

2. tordna u tikkundanna lill-konvenuta tisporga l-ispoll minnha kommess u tirreintegra lill-atturi fil-pussess u detenzjoni ta' l-imsemmi raba'.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi ma jirrikorrux l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jirradikaw kawza ta' spoll.

2. Illi l-art mertu tal-kawza tinsab validament mikrija ghand il-konvenuta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament guramentata u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluzi n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ezaminat ix-xhieda.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ser tiehu bhala spunt, sabiex tiddetermina l-kwestjoni quddiemha, dak li sostniet il-konvenuta fl-ahhar tan-nota ta' l-osservazzjonijiet taghha fejn esponiet ir-ragunijiet, li skond hi, jeskludu ezitu favorevoli ghall-azzjoni ttenta mill-atturi. Ir-ragunijiet ghal dan, skond il-konvenuta huma:

i. li l-atturi naqsu li jagixxu fit-terminu ta' xahrejn stabbilit mil-ligi liema terminu huwa wiehed perentorju u mhux prorogabbli;

ii. li l-atturi naqsu li jressqu prova konkreta tal-pussess fattwali li suppost kellhom precedentement ghall-att turbattiv;

iii. li l-att spoljattiv ma kienx il-koltivazzjoni ta' l-art mill-konvenuta imma l-okkupazzjoni taghha in konnessjoni max-xoghol ta' rikostruzzjoni li kienet qed taghmel f'razzett li ghandha f'nofs l-istess ghalqa;

iv. li hemm karenza ta' l-element intenzjonali fil-konvenuta li tuzurpa xi haga minn idejn haddiehor.

Il-Qorti ser tittratta din l-ahhar raguni l-ewwel.

Illi huwa rikonoxxut li dan l-element intenzjonali fl-ispoll - l-animus spoliandi - huwa rekwizit essenzjali fil-ligi taljana u franciza biex tirnexxi kawza ta' spoll izda kemm hu applikabbli taht il-ligi taghna huwa punt dibattut. Diversi, fil-fatt, huma s-sentenzi, anke mill-Qorti ta' l-Appell, li accetaw dan l-element fost dawk inerenti ghall-azzjoni ta' spoll, izda altrettant huma s-sentenzi kontra. Anzi huma fil-maggoranza s-sentenzi li jaffermaw kontra li l-element intenzjonali huwa "sine qua non" u hekk jidher li hi t-tendenza ta' l-ahhar sentenzi. Difatti f'kawza ricentissima, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Orlov v Pavia pro et noe", deciza fl-14 ta' Jannar 2002, inqal inter alia li kuntrarjament ghal-ligi taljana u franciza l-ligi taghna ma tirrikjedix prova ta' l-animus spoliandi ossia ta' l-intenzjoni tal-konvenut li jikkommetti spoll u dan bhala r-raba element u f'dan il-kuntest l-insenjament tal-gurist Ricci huwa inapplikabbli. Kompliet taserixxi dik il-Qorti li l-iskop ta' l-azzjoni ta' spoll hu li tipprovdi rimedju spedizzjuz fil-kaz ta' turbattiva illegali u ghal dan il-fini l-ligi rristringiet l-eccezzjonijiet biex jirribattu l-azzjoni ghal dak li huma biss dilatorji. Ukoll f'kawza deciza fil-11 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet "P.L. Anthony Buhagiar v Mikiel Farrugia", l-Qorti ta' l-Appell kellha s-segwenti xi tghid, li "fl-azzjoni de quo, cioe' ta' spoll privileggat, l-aspett ta' animo spoliandi ma jidholx. Il-ligi taghna hija, a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali, tali li tittutela l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-provi li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala animo spoliandi; "jekk kienet mehtiega l-prova ta' l-animus spoliandi din tohrog mill-agir innifsu ta' l-appellant" (Appell Bonanno vs Bartolo et deciz 5 ta' Ottubru 1998). Jidher ghalhekk li dan l-element m'huwiex fost dawk li jirrikjedu li jigi pruvat skond il-ligi taghna.

Illi pero' huwa pacifiku li l-attur f'kawza ta' spoll u bhala gustifikazzjoni ghat-talbiet tieghu irid jipprova tlett elementi, ben noti, li huma l-pussess (*possedisse*), l-att spoljattiv (*spoliatum fuisse*) u li ddeduca l-pretensjonijiet tieghu fi zmien xahrejn minn meta gara dak l-att (*infra bimestre deduxisse*).

Fil-kuntest ta' l-ewwel element - dak tal-pussess - fl-Appell Felix Fenech et vs Carmelo Bonanno et (deciz 5 ta' Ottubru 1988) intqal li "hu elementari f'materja ta' pussess li l-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-finijiet ta' reintegrazzjoni ma hemmx bzonn li jkun il-pussess ta' proprjeta' jew ta' servitu, imma hu bizzejjed pussess kwalunkwe, anke purament materjali u di fatto .... anke pussess qasir hafna u sahansitra pussess momentarju hu bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll u dan fuq skorta ta' sentenzi precedenti.

Issa fil-kuntest tal-provi prodotti f'din il-kawza ghandu jirrizulta, altru li sodisfacentement fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-atturi ppruvaw dan l-element. Difatti skond din il-Qorti gie ppruvat li qabel ma l-attur marad, f'Marzu 1994,

huwa kien fil-pussess tal-porzjoni raba' meritu din il-kawza, u kien jahdimha. Ma rrizultax sodisfacentement li wara li marad din il-porzjoni giet minnu abbandunata, kif sostniet il-konvenuta; mhux biss baqghet detenuta minnu izda baqghet tinhadem (vide xhieda ta' John Mintoff folio 32 et seq). Giuseppa Camilleri (zija komuni ta' l-attrici u l-konvenuta) xehdet (folio 64 et seq) li din il-porzjoni raba kienet gia fil-pussess tar-ragel taghha, jismu Wigi, illum mejjet, u kienet proprju hi, wara li miet zewgha, li kienet ghaddiet l-art lill-atturi. Dwar il-konvenuta qalet li "la kont ghaddejtilha dan ir-raba u lanqas qatt ippermettejtilha tahdmu". Dak li ssostni l-konvenuta ma jirrizultax sufragat mill-assiem tal-provi u xejn ma josta lill-konvenuta z-zewg xhieda minnha prodotti dwar li f'xi zmien, fix-xahar ta' Awissu jew Settembru 1993 cirka, kienu jaghmlu xi gimghat jew l-aktar xahar jghaddu bl-ingenji ostensibilment fuq din il-porzjon raba waqt xi xoghol ta' rinnovar f'razzett proprjeta' tal-konvenuta.

Illi t-tieni element li jehtieg li l-atturi jippruvaw huwa l-fatt ta' l-ispoll. Dan huwa element materjali li jrid jigi pruvat b'rilevanza ghall-azzjoni possessorja, b'daqstant illi sottomissjonijiet ta' natura petitorja huma rrilevanti. Ghalhekk xejn ma josta lill-konvenuta li ssostni li l-qbiela thallasha hi u dejjem giet hekk imhalsa jew minnha jew minn missierha. Hu risaput illi l-att spoljattiv jista' jigi kommess kontra l-pussess ta' terz, anke fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu li jgawdi l-proprjeta' tieghu - *spoliaturs ante omnia restituendum.* L-artikolu tal-ligi in kwistjoni (Artikolu 535 tal-Kodici civili) difatti jammetti l-azzjoni kontra kull pussess "ta' liema xorta jkun". Issa fl-isfond tal-provi prodotti ma jidhrix li l-konvenuta qeghdha tikkontesta l-fatt "per se" li hija dahlet fl-ghalqa. Jirrizulta ukoll f'dan il-kuntest u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet rigward l-ewwel element li l-pussess mill-konvenuta gie karpit minnha bil-vjolenza u klandestinament ossija kemm permezz ta' att fiziku u wkoll minghajr ix-xjenza jew konoxxenza ta' l-atturi.

Illi relattivament ghall-ahhar element, dak li l-azzjoni ghandha tirrizulta li giet istitwita fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll - *infra bimestre deduxisse* - il-provi juru li dan hu effettivament il-kaz. Il-konvenuta tippretendi li t-terminu skada billi t-terminu ta' xahrejn beda jiddekorri mhux minn meta hi dahlet tikkoltiva l-art izda minn meta okkupata in konnessjoni max-xoghol ta' rikostruzzjoni li kienet ghamlet fuq razzett li ghandha fl-inhawi. Din il-Qorti ma taqbilx. Hi l-fehma taghha li kull indagni dwar l-antecedenti ghall-ispoll meritu tal-kawza, u dan qeghdha tghidu ukoll mil-lat generali, huwa inutli u superfluwu u lanqas mhu koncepit mil-ligi peress li hu bizzejjed ghall-attur li jipprova s-semplici detenzjoni meta jkun gie kommess l-ispoll, apparti naturalment ghall-att ta' spoll innifsu. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti hi sodisfatta li l-atturi irnexxilhom fil-prova li meta sar l-att spoljattiv mill-konvenuta huma kienu d-detenturi ta' l-art meritu l-kawza u intavolaw l-azzjoni entro t-terminu stabbilit.

Tiddeciedi ghalhekk li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici u hekk

1. tiddikjara li l-konvenuta ikkommettiet spoll fil-konfront ta' l-atturi;

2. tordna u tikkundanna lill-konvenuta tirrintegra lill-atturi fil-pussess u dentenzjoni tar-raba meritu din il-kawza zmien sa xahar mil-lum;

3. tikkundannaha thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur